**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 7 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1605/00 AJD*

Hubert Mugliett ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Offshore Manning Services Ltd.

vs

John Caruana

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u erbghin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm142.29) rapprezentanti rifuzjoni ta' drittijiet u spejjes inkorsi mis-socjeta' attrici a beneficcju tal-konvenut in kontemplazzjoni ta' kuntratt ta' servizz debitament iffirmat mill-konvenut u mhux onorat minnu.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi ebda hlas ma huwa dovut lill-attur nomine peres illi l-konvenut dejjem onora l-kuntratt tieghu.

2. Illi l-kuntratt kien gie terminat mill-attur nomine u ma kienx il-konvenut li ma baqax jaghti s-servizzi tieghu.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Daniela Ladjevac, l-attur nomine, il-konvenut, Rose Caruana. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenut kellu kuntratt ta' servizz mal-attur nomine (Dok. JC1) fejn huwa accetta li jahdem fuq 'rig' barra minn Malta. L-attur nomine hallas ghat-tahrig tal-konvenut u spejjes medici u l-konvenut accetta li jirrifondi lura lill-attur nomine l-ispejjes inkorsi minnu ghat-tahrig fl-eventwalita' li l-konvenut ma jikkompletax l-ammont ta' 'hitches' li huwa ntrabat li jahdem skond il-kuntratt ta' servizz hawn fuq imsemmi (vide klawzola 4 ta' Dok. JC1).

Illi fil-kawza odjerna l-attur nomine qed jitlob ir-rifuzjoni tal-ispejjes inkorsi minnu ghat-tahrig tal-konvenut stante li dan tal-ahhar ma kkompletax l-ammont ta' 'hitches' patwiti fil-kuntratt ta' servizz tat-13 ta' Awissu, 1998 (Dok. JC1).

Illi l-kontenzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-fatt dwar min ittermina l-kuntratt ta' servizz tat-13 ta' Awissu, 1998. L-attur nomine jikkontendi li f'Gunju, 2000, il-konvenut kien mar l-ufficju tieghu, ikkonsenjalu certifikat mediku u nfurmah li ma kellux intenzjoni jitla' ghall-'hitch' li jmiss u cioe' hmistax il-gurnata wara. Il-konvenut min-naha l-ohra jammetti li huwa mar ghand l-attur nomine l-ghada li rritorna minn fuq ir-'rig' u kkonsenjalu certifikat mediku izda jsostni li kien l-attur nomine li ttermina l-kuntratt ta' servizz.

Illi l-konvenut xehed li huwa kien qed ibati b' 'depression' izda qal ukoll li kien dispost jitla' ghall-'hitch' li jmiss. Il-mara tal-konvenut Rose Caruana, xehdet li hija kienet marret l-ufficju tal-attur nomine madwar gimgha wara li kienet akkompanjat lil zewgha sabiex jikkonsenja c-certifikat mediku, u f'din it-tieni okkazjoni staqsiet lil Daniela Ladjevac, il-Personnel Manager, jekk zewgha kellux jitla' ghall-'hitch' li kien imiss u din tal-ahhar irrispondiet fis-sens li l-konvenut kien spicca minn maghhom.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-kwistjoni kollha tirrigwarda l-kredibilita' tal-verzjonijiet moghtija mill-partijiet dwar kif gie terminat il-kuntratt ta' servizz ta' bejniethom. Il-verzjoni moghtija mill-attur nomine hija ferm aktar kredibbli.

It-Tribunal isibha difficli jifhem kif il-konvenut jista' jsostni li huwa mar jikkonsenja certifikat mediku l-ghada li rritorna minn fuq ir-'rig', mill-liema certifikat jirrizulta li huwa kien qed isofri minn 'depression' u fl-istess hin jghid li huwa kellu kull intenzjoni li jirritorna ghall-'hitch' li jmiss hmistax wara.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut ikkonsenja c-certifikat mediku l-ghada li rritorna minn fuq ir-'rig' sabiex jittenta jiggustifika l-fatt li huwa ma kellu ebda intenzjoni jirritorna lura fuq ir-rig'.

Illi l-konvenut ittermina l-kuntratt ta' servizz tat-13 ta' Awissu, 1998, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 4 tal-imsemmi kuntratt huwa tenut li jirrifondi d-drittijiet u spejjes inkorsi mill-attur nomine ghat-tahrig tieghu. Illi l-'quantum' tal-ammont mitlub mill-attur nomine ma giex kontestat mill-konvenut u inoltre l-attur nomine issostanzja t-talba tieghu permezz tad-dokumenti esibiti b'nota tas-16 ta' Jannar, 2001, u mmarkati Dok. A sa Dok. G.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' mija u tnejn u erbghin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm142.29).

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenut skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR